



C/2024/2396

8.4.2024

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba'Awla) tat-22 ta' Frar 2024 – Il-Kummissjoni Ewropea vs
Ir-Repubblika ta' Malta**

(Kawża C-694/22) ⁽¹⁾

**(“Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu – Artikolu 110 TFUE – Dritt annwali għal liċenzja ta’ ċirkolazzjoni –
Impożizzjoni ta’ dritt ogħla fuq il-vetturi użati importati meta mqabbla ma’ vetturi simili li jinsabu diġà
fis-suq nazzjonali”)**

(C/2024/2396)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Björkland, K. Mifsud-Bonnici u R. Valletta Mallia, aġenti)

Konvenut: Ir-Repubblika ta' Malta (rappreżentant: A. Buhagiar, aġent)

Dispożittiv

- 1) Ir-Repubblika ta' Malta naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 110 TFUE billi, għall-vetturi bil-mutur irreġistrati fi Stati Membri oħra qabel l-1 ta' Jannar 2009 u miġjuba f'Malta b'effett minn din id-data, applikat dritt annwali għal liċenzja ta' ċirkolazzjoni ogħla minn dak applikat għall-vetturi simili rreġistrati f'Malta qabel l-imsemmija data.
- 2) Ir-Repubblika ta' Malta għandha tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU C 15, 16.01.2023.